**Nru. 842**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ikkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | TRK. 143194 |
| Post: | Sit f'Golden Yolk Farm, Tas-Salvatur, Rabat |
| Proposta: | Rikostruzzjoni ta' razzett tat-tiġieġ fuq is-sit kopert b'PA 1086/05 |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fid- 29 ta' Marżu 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-29 ta' Mejju 2012.

**No. 842**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | TRK. 143194 |
| Location: | Site at Golden Yolk Farm, Tas-Salvatur, Rabat |
| Proposal: | Reconstruction of chicken farm oversite covered by PA 1086/05 |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 29th March 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 29th May 2012.

| **Impatti potenzjali** / ***Potential Impacts*** | **Rimarki** / ***Remarks*** |
|---|---|
| Produzzjoni ta' skart | Il-proġett se jiġġenera skart inert matul il-fażi ta' kostruzzjoni, iżda l-kwantitajiet x'aktarx li se jkunu żgħar. L-iskart tal-annimali se ikun immaniġġat u ttrattat skont pjan approvat għall-immaniġġar tal-iskart. Il-faċilitajiet għall-ġestjoni tal-iskart (fosthom demmiela u numru ta' fosos) huma parti essenzjali mill-infrastruttura tal-irziezet, bħalma jitlob il-Kodiċi ta' Prassi Agrikola Tajba (CoGAP). Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-iskart se tiġi rregolata permezz ta' permess għall-operat (IPPC). |
| *Waste generation* | *The project will generate inert waste during the construction phase, but quantities are likely to be minimal. Animal waste is to be managed and treated in line with an approved waste management plan. Waste management facilities (including a manure clamp and a number of cesspits) are an essential component of the farm infrastructure as per Code of Good Agricultural Practice (CoGAP) requirements. Furthermore, waste management will be regulated through an operational permit (IPPC).* |

| | |
|---|---|
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja, inklużi rwejjaħ | Il-proġett x'aktarx li jiġġenera l-ammonja waqt l-operat. Is-sit jinsab madwar 80 metru 'l bogħod mill-eqreb grupp ta' bini u għalhekk mhux mistenni li l-irwejjaħ ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti. L-irwejjaħ se jitnaqqsu permezz ta' prattiċi stabbiliti għall-ġestjoni tal-iskart. |
| *Impact on air quality, including odours* | *The project is likely to release ammonia through its operations. The site is located approximately 80 metres away from the closest settlement, and given its location, odours are thus not likely to pose a nuisance to residents. Odours shall be minimised through established waste management practices.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | Il-proposta se taffettwa b'mod negattiv il-pajsaġġ madwar il-wirt kulturali eżistenti, u tista' wkoll teqred xi fdalijiet li jinsabu fil-partijiet mhux żviluppati tar-razzett eżistenti u li għadhom mistura. Madankollu, is-sit huwa diġà żviluppat, u l-intervent huwa magħluq fil-parti żviluppata tas-sit. Il-*landscaping propost* 'il barra mill-parti diġà żviluppata tas-sit mhuwiex aċċettabbli minħabba li t-tqegħid ta' ħamrija u l-qtugħ tal-blat jistgħu jeqirdu xi fdalijiet arkeoloġiċi eżistenti. Il-wirt kulturali se jkun mistħarreġ bħala parti mill-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp. |
| *Impact on cultural heritage* | *The proposal will detract from the landscape setting of the existing cultural heritage features and potentially may destroy any as yet undiscovered remains located in the undeveloped parts of the existing farm. However, the site has already been committed to development, and the intervention is enclosed within the developed part of the site. The proposed landscaping beyond the already-developed part of the site is not acceptable since soil deposition and rock cutting may destroy any existing archaeological remains. Cultural heritage will be investigated further through the processing of the development permit application.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

It-3 ta' Awwissu, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

3rd August, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 88**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Kirkop**

Nhar it-Tnejn, it-13 ta' Awwissu, 2012 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Misraħ San Anard, Santu Rokku u Misraħ Kirkop.

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Awwissu, 2012 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ Ħal Kirkop, il-Parroċċa, il-Kbira u Santu Rokku.

Nhar il-Ħamis, is-16 ta' Awwissu, 2012 mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ Ħal Kirkop, San Benedittu, Mdina, Fieres, San Remiġ, Pietru, Karlu Darmanin,

POLICE NOTICE

**No. 88**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Ħal Kirkop**

On Monday, 13th August, 2012 from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: il-Parroċċa, Misraħ San Anard, Santu Rokku and Misraħ Ħal Kirkop.

On Wednesday, 15th August, 2012 from 7.30 p.m. till midnight through the following streets: Misraħ Ħal Kirkop, il-Parroċċa, il-Kbira and Santu Rokku.

On Thursday, 16th August, 2012 from 7.00 p.m. till midnight through the following streets: Misraħ Ħal Kirkop, San Benedittu, Mdina, Fieres, San Remiġ, Pietru, Karlu